MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2006

Citazzjoni Numru. 2394/1996/1

**George Busuttil**

**vs**

**Mario Muscat u b`digriet tal-Qorti tat-30 ta` Lulju, 1998 gew kjamati fil-kawza Darren Micallef u Jason Xuereb**

Il-Qorti:

Rat l-atti tac-citazzjoni pprezentata mill-attur fit-18 ta` Lulju, 1996, li in forza taghha, wara li ppremetta illi:

L-attur kien inkariga u impjega lill-konvenut sabiex jiggestixxi l-hanut tad-deheb bl-isem ta` G. Busuttil Jewellers li jinsab gewwa Zebbug;

Recentement irrizulta illi tul il-kors ta` tali impjieg gew nieqsa kwantita` sostanzjali ta` effetti tad-deheb, hagar

prezzjuz u arloggi u dan bhala rizultat ta` atti doluzi u/jew ta` traskuragni u negligenza grossolana da parti tal-konvenut, u dan kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Il-konvenut, ghalkemm ammetta tali responsabilita`, almenu in parti, xorta baqa` la irritorna l-effetti li nstabu nieqsa u l-anqas ma hallasx lura il-valur taghhom;

Talbu lill-konvenut jghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex:

1. Tiddikjarah responsabbli ghan-nuqqas ta` effetti tad-deheb, hagar prezzjuz u arloggi mil-hanut tal-attur f`Zebbug kif fuq imsemmi u tad-danni konsegwenzjali sofferti mill-attur konsistenti fil-valur tal-istess effetti u telf ta` profitti fuq l-istess;

2. Tillikwida tali danni hekk sofferti mill-attur, occorrendo bl-opera ta` periti nominandi;

3. Tikkundanna lill-konvenut li jhallas lill-attur tali ammont hekk likwidat;

Bl-ispejjez u interessi legali kontra l-konvenut li jibqa` minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Mario Muscat li in forza taghha huwa eccepixxa illi:

1. It-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

2. Minghajr pregudizzju ghas-suespost jigi rilevat illi in konnessjoni mas-serqa mill-hanut G. Busuttil Jeweller gew imressqa quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja wkoll Darren Micallef u Jason Xuereb u ghalhekk jidher opportun li tali persuni jigu kjamati f`din il-kawza.

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-digriet ta` din il-Qorti tat-30 ta` Lulju, 1997, li in forza tieghu giet ordnata l-kjamata fil-kawza ta` Darren Micallef u ta` Jason Xuereb;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-kjamata fil-kawza Jason Xuereb li in forza taghha eccepixxa illi:

1. It-talba tal-attur kif dedotta fic-citazzjoni fil-konfront tal-kjamat in kawza hija nfondata fil-fatt u fid-dritt;

2. L-eccipjent jinsab ghaddej minn proceduri kriminali in konnessjoni ma` xi affarijiet li gew nieqsa mill-hanut in kwistjoni f`okkazzjoni partikolari f`liema kawza huwa ghadu ma xehedx, u ghaldaqstant jirrizerva d-dritt li jaghti eccezzjonijiet ulterjuri fi stadju ulterjuri.

3. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-kjamata fil-kawza Darren Micallef li in forza taghha eccepixxa illi:

1. It-talbiet ta` l-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

2. L-esponent kjamat in kawza huwa ghaddej minn proceduri kriminali in meritu ta` din il-kawza u b`hekk jirrizerva d-dritt li jintavola eccezzjonijiet ulterjuri wara li l-proceduri kriminali jkunu *res judicata* fil-konfront tieghu.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet;

Rat id-digriet ta` din il-Qorti tat-12 ta` Ottubru, 1999, li in forza tieghu giet mahtura l-Assistent Gudizzjarju, Dr. Monica Borg Galea, sabiex tigbor il-provi u tirrelata;

Rat id-decizjonijiet li ittiehdu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta` Gudikatura Kriminali fil-konfront tat-tlett konvenuti f`din il-kawza in konnessjoni mal-incident li hu l-meritu ta` din il-kawza;

Rat l-inkartament u l-verbali tas-seduti mismugha mill-Assistent Gudizzjarju;

Semghet il-provi li ressqu l-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezebiti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat in-noti tal-osservazzjonijiet li gewipprezentati;

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi jirrizulta li l-attur ghandu hanut tad-deheb u giojellerija maghruf bl-isem ta` G. Busuttil Jewellers li jinsab gewwa Haz-Zebbug. Il-konvenut Mario Muscat kien impjegat f`dan il-hanut u, qed jigi allegat, fil-21 ta` Frar, 1996, huwa wettaq serqa fl-istess hanut fejn kien jahdem, u dan flimkien mal-kjamati fil-kawza Micallef u Xuereb. It-tlett konvenuti, wara stharrig mill-Pulizija, ammettew il-partecipazzjoni taghhom fis-serqa in kwistjoni. Huwa kienu wettqu s-serqa billi holqu xena ta` hold-up li suppost saret minn Micallef u Xuereb fuq il-konvenut Muscat waqt li dan kien qed jaghlaq il-hanut ghall-guranta; eventwalment, it-tlieta ammettew illi s-serqa ma kienet hold-up xejn u s-serqa saret bi ftehim bejniethom it-tlieta. Jidher li dina s-serqa kienet ilha tigi ppjanata u hadu z-zmien biex iwettquha minhabba disgwid li nqala` dwar is-sehem li kellu jiehu kull partecipant, u sabiex il-konvenut Muscat u l-kjamat fil-kawza Micallef, li taghhom kienet l-idea tas-serqa, jsibu terza persuna li tkun lesta tippartecipa fis-serqa maghhom. Fil-fatt, qabel ma dahal il-kjamata fil-kawza Xuereb fix-xena, it-tnejn l-ohra kienu ikkuntatjaw diversi persuni ohra; eventwalment, sar qbil bejn it-tlett persuni mharrka fil-kawza, u saret is-serqa. Fis-serqa li saret fil-21 ta` Frar, 1996, ma nsteraqx id-deheb kollu li eventwalment instab nieqes, ghax qabel il-gurnata tas-serqa, il-konvenut Muscat kien diga` ha numru sostanzjali ta` oggetti tad-deheb, u kien anke zamm ghalih il-flus li kien ha minn bejgh ta` diversi oggetti tad-deheb li kien ghamel. Fil-fatt, din l-istorja kienet ilha ssir, u l-konvenut Muscat kien qed isib problemi jirrikoncilja l-kotba tan-negozju mal-istock, u kien hu l-

aktar herqan biex issir il-hold-up halli wkoll jghatti l-agir abbuziv tieghu tul diversi gimghat.

It-tlett persuni nstabu hati ta` serq jew komplicita` ta` serq aggravat mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta` Gudikatura Kriminali, u nghataw piena ta` habs sospiza ghal erbgha snin.

Il-valur tal-oggetti misruqa ghal fini tal-procedura kriminali, inghata fis-somma ta` Lm32,000. Jirrizulta wkoll li l-kjamat fil-kawza Micallef kien irritorna d-deheb li kien zamm hu, u dan eventwalment, gie ritornat lill-attur.

L-attur, fil-kors tal-kawza, ressaq diversi dokumenti in sostenn tal-valur ta` dak li gie misruq minnu, u ressaq ukoll statement fejn indika l-valur ta` dak kollu li gie misruq; wara li qies il-valur tad-deheb li gie ritornat lilu, l-attur wasal ghal cifra ta` Lm30,035.88 bhala rapprezentanti t-telf soffert minnu. Dan l-istatement li ressaq l-attur jindika s-segwenti figuri:

| | |
|---|---|
| Fl-istocktaking kien hemm deheb fil-hanut | 8879.66 gramma |
| Oggetti mizjuda wara l-istocktaking | 556.80 gramma |
| Total ta` Deheb fil-Hanut fil-Mument tas-Serqa | 9436.46 gramma |
| Deheb illi gie misjub fil-hanut wara l-akkadut | 2697.63 gramma |
| Total ta` Deheb illi Effettivament Gie Nieqes | 6738.83 gramma |
| | |
| Mehud bir-rata ta` Lm4.70 l-gramma | Lm31672.50 |
| Kontanti misruqa | Lm 550.00 |
| *Valuables on invoice* | Lm 659.00 |
| *Half sovereign coin & Eternity Ring (*li wkoll gew nieqsa) | Lm 48.00 |
| Total tal-Valur tas-Serqa | Lm32929.50 |

120 gramma deheb li nstab imkisser mehud bir-rata ta` Lm 3.60     Lm    432.00

Lm32497.50

523.75 gramma Deheb Ritornati mill-Pulizija bir-rata ta` Lm4.70     Lm 2461.62

**Telf Effettiv Soffert**

Lm30035.88

Mill-assjem tal-provi, ma jista` jkun hemm ebda dubju li t-tlett persuni imharrka f`din il-kawza huma responsabbli ghan-nuqqas li garrab l-attur. It-tlieta li huma ammettew ir-responsabbilita` taghhom u mix-xhieda tal-Kummissarju Rizzo tidher cara wkoll l-involviment tat-tlieta fis-serqa. Din ir-responsabbilita` tidher ukoll mill-konkluzzjoni milhuqa mill-Qrati taghna fil-proceduri kriminali li ittiehdu kontra l-mharrkin. Din il-Qorti, fil-kawza “Carbonaro vs Ryan”, deciza fit-28 ta` Jannar, 2004, kienet osservat li Gudikant f`kawza civili jista` jaghmel riferenza ghall-provi raccolti fil-procedimenti kriminali, u s-sentenza moghtija mill-Qorti Kriminali fuq l-istess fatti hija ammissibbli bhala prova (ara wkoll “Briffa vs Abela”, deciza wkoll minn din il-Qorti fit-28 ta` Marzu, 2003).

Issa hu veru li l-kjamati fil-kawza Micallef u Xuereb ma kienux ippartecipaw attivament fis-serq li kien iwettaq mill-hanut il-konvenut Muscat qabel ma holqu x-xena tal-hold-up, pero`, huma kienu ben konxji minn dan u meta accettaw li joholqu xena ta` hold-up sabiex jassistu lill-konvenut “jahbi” dak li kien ha mill-hanut, huma irrendew ruhhom komplici fis-serqa kollha, inkluz dak li kien ha qabel il-konvenut Muscat.

Il-kjamat fil-kawza Micallef jopponi ghas-solidarjeta` bejn l-imharrkin. Min-naha l-ohra, pero’, ma tirrizultax preciz il-partecipazzjoni taghhom individwali, u ghakemm huma setghu qasmu ir-res furtiva bejniethom fi proporzjoni differenti, it-tlieta ippartecipaw jew kienu komplici fis-serqa kollha fl-intier taghha. Is-serqa saret zgur dolozament, u kif jiddisponi l-artikolu 1049(1) tal-Kodici Civili, *“Meta zewg persuni jew izjed ikunu dolozament ghamlu hsara, l-obbligazzjoni taghhom ghall-hlas ta` dik il-hsara hija in*

*solidum"*. Kwindi, ma jista` jkun hemm ebda dubju li r-responsabilita` ghat-telf ghandha tkun in solidum bejn il-konvenut u l-kjamati fil-kawza.

Ghar-rigward tal-valur tal-hsara, kif intwera, l-attur ressaq prospett dettaljat, korroborat b`diversi dokumenti, minn fejn jirrizulta li t-telf effettiv jammonta ghal Lm30,035.88. Ghalkemm il-valur tad-deheb li l-kjamata fil-kawza Micallef irritorna lill-Pulizija, gie stmat separatament minn espert nominat mill-Qorti Kriminali, l-attur ikalkula dan id-deheb bl-istess rata li bih ivvaluta d-deheb kollu misruq (Lm4.70 l-gramma deheb), u mhux gust li ghad-deheb ritornat jigi wzat kriterju differenti minn dak uzat ghall-istima tad-deheb kollu misruq. La darba, fil-prospett, intuzat rata wahda, u rata li tirrispekkja s-suq ta` dak iz-zmien, l-istess prospett m`ghandux jigi modifikat billi jigu introdotti kriterji godda ghal parti biss minnu. Kwindi, l-Qorti wara li qieset l-istess prospett u r-ragjonevolezza tieghu, taccettah u sejra taddottah ghal fini tal-likwidazzjoni tad-danni.

Il-Qorti tqies ukoll li gie ppruvat li l-oggett in kwistjoni jappartjenu lill-attur bhala operatur u sid tad-ditta G. Busuttil Jewelery. Dwar il-kaz ta` arlogg tal-maka *"Lorenz"*, hu veru li dan kien, fiz-zmien tas-serqa, ta` proprjeta tas-socjeta` K. E. Co. Ltd, pero`, l-attur kellu l-kustodja u l-pussess tal-oggett, u kien responsabbli li jew irodd lura l-oggett lill-propjetarju jew il-valur taghha. Darba li l-arlogg insteraq mill-impjegat tieghu stess, l-attur hass li kellu jaghmel tajjeb ghat-telf u, allura, ghandu jigi rimborsat ghal dan ukoll.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-kawza billi tichad l-eccezzjonijiet kollha sollevati mill-konvenut u mill-kjamati fil-kawza, tilqa` t-talbiet attrici kif dedotti, tiddikjara li l-konvenut u l-kjamati fil-kawza responsabbli ghan-nuqqas ta` effetti tad-deheb, hagar prezzjuz u arloggi mill-hanut tal-attur, u tikkundanna lill-konvenut Mario Muscat u lill-kjamati fil-kawza Darren Micallef u Jason Xuereb sabiex in solidum bejniethom ihallsu lill-attur is-somma ta` Lm30,035.88 (tlettin elf u hamsa u tlettin liri Maltin u tmienja u tmenin centezmu) in

linea ta` danni, bl-imghax legali ta` 8% mill-21 ta` Frar, 1996, sal-pagament effettiv.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu kollha mill-konvenut u mill-kjamati fil-kawza in solidum bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------